VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,461, 7 ta' Awwissu, 2015
Taqsima B

A.L. 253 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-Postgraduate Certificate in Evidence-Based Management and Effective Decision Making – P.G.Cert. E.B.M. (Melit.) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-Postgraduate Certificate in Evidence-Based Management and Effective Decision Making - P.G.Cert. E.B.M. (Melit.) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy;

"iċ-Ċertifikat" tfisser il-Postgraduate Certificate in Evidence-Based Management and Effective Decision Making - P.G.Cert. E.B.M. (Melit.);

VERŻJONI ELETTRONIKA

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Postgraduate Certificate in Evidence-Based Management and Effective Decision Making - P.G.Cert. E.B.M. (Melit.); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad ta' Bachelor minn din l-Università jew minn istituzzjoni oħra rikonoxxuta mis-Senat.

(2) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. Il-Bord għandu jħabbar in-numru ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Meta n-numru ta' postijiet hu ristrett u n-numru ta' applikanti eliġibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, li l-piż tagħhom ikun ippubblikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) it-tip u l-klassifikazzjoni tal-grad;
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-istudju propost; u
(ċ) il-livell milħuq waqt l-intervista.

(4) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul tal-anqas minn tliet membri.

(5) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jiksbu l-kwalifiki tagħhom skont kif stipulat fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-Kors għandhom jitqiesu l-ewwel.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' semestru ta' studju fuq bażi *full-time* jew ta' żewġ semestri fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn numru ta' taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 30 krettu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

6. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Ir-Riżultat tar-Rikonoxximent

7. (1) Iċ-Ċertifikat jingħata lill-istudenti li jiksbu l-kretti kollha indikati fl-ordinament 5.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

8. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.